**3 ta' Diċembru, 1962.**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Concefissa Grech et.

*versus*

Salvina Scerri

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Morożità fil-ħlas tal-Kera — Data tal-Iskadenza tal-Kera — Nullità — Art. 26 u 28 tal-Kap. 109.**

*Ebda nullità ma jkun hemm fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Kera billi, minflok il-formola annessa mal-Liġi tal-Kera, jiġi preżentat rikors; purkè dan ikun jikkontjeni l-informazzjonijiet rikjesti mill-liġi.*

*Għaldaqstant, jekk talba għar-ripreża ta' pussess ta' fond minħabba morożità tal-inkwilin fil-ħlas tal-kera ssir b'rikors, l-istess ma tkunx nulla għax saret mhux bil-formola msemmija, imma tkun nulla jekk ir-rikors ma jkunx fih id-data tal-ewwel skadenza tal-kera wara l-preżentata tar-rikors.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Kera biex jiġu awtorizzati jirriprendu pussess tal-fond 34 Graces Street, Żabbar, billi l-intimata hija moruża fil-ħlas tal-kera;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Bord tal-Kera tat-23 ta' Ottubru 1962, li biha ddeċieda billi ddikjara irritu u null ir-rikors, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti. Dak il-Bord ikkunsidra;

Peress illi fir-rikors m'hemmx indikata d-data tal-ewwel skadenza wara l-preżentata tar-rikors, kif huwa preskritt fil-formola "B" annessa mal-Ordinanza XXI tal-1931;

Billi skond l-art. 28 tal-istess Ordinanza ebda nullità ma jkun hemm jekk ma tiġix użata l-formola fuq imsemmija, purkè jkun hemm l-informazzjonijiet preskritti fl-art. 26;

Billi l-art. 26(2) jippreskrivi illi t-talba biex wieħed jieħu lura pussess ta' fond għandha ssir fuq il-formola "B"; u, kif diġa' ntqal, f'din il-formola hija preskritta l-indikazzjoni tal-ewwel skadenza tal-kera;

Billi r-rikorrent ma wżawx l-formola "B" u lanqas ma taw l-informazzjonijiet preskritti fiha, isegwi "a contrario sensu" illi r-rikors huwa null;

Rat ir-rikors li bih ir-rikorrenti appellat u talbet li tiġi revokata s-sentenza appellata, u li t-talba tiġi milqugħa; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tadotta l-motivi tas-sentenza appellata, u tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.